**5 ta' Novembru, 1984**

**Imħallef:-**

**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D.**

Alfred Shead

*versus*

Anthony Degiorgio *et*

***Res Ipsa Loquitur* - Inċident Awtomobilistiku - *Post Concussion Syndrome***

*F'ċerti każijiet mhux meħtieġ li l-attur jipprova t-traskuraġni da parti tal-konvenut billi fil-liġi jista' jirriżulta mill-istess natura ta' l-inċident li l-konvenut kien responsabbli ċivilment għall-akkadut.*

*Inoltre, mhux bizzejjed biex titwarrab ir*-res ipsa loquitur *li l-konvenut jgħid li ma jistax jispjega kif seħħ l-inċident jew inkella li nesa kollox.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur li biha premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Peress illi fl-Imsida fit-12 ta' Awissu, 1979 waqt li l-attur kien riekeb fil-karozza Mercedes numru 4730 misjuqa mill-konvenut, l-istanti safa midrub serjament f'inċident stradali li ġara unikament tort tal-konvenut minħabba negliġenza, imperizja, imprudenza u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tas-sewqan da parti ta' l-istess konvenut;

Peress illi b'konsegwenza ta' dan l-inċident l-istanti sofra danni, fosthom dawk lill-persuna tiegħu konsistenti f'diżabilità *permanenti. spejjeż ta' kura u telf ta' xogħol;*

Peress illi l-konvenut, interpellat biex iħallas, irrespinġa kull addebitu ta' ħtija;

Talab li għar-raġunijiet premessi: (1) jiġi ddikjarat u deċiż illi l-konvenut huwa responsabbli għad-danni kollha kkaġunati lill-attur fl-inċident premess, u dan minħabba negliġenza, imprudenza u non-osservanza tar-regolamenti tas-sewqan; (2) jiġu llikwidati d-danni kollha sofferti mill-attur, jekk hemm bżonn bl-għajnuna ta' periti *nominandi*; (3) l-istess konvenut jiġi kkundannat iħallas lill-attur l-ammont hekk likwidat;

Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-21 ta'

Marzu, 1980 u dawk tal-Mandat ta' Impediment tas-Safar numru 383/80 ppreżentat fis-6 ta' Mejju, 1980, kontra l-konvenut u bl-imgħaxijiet skond il-liġi;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur u l-lista tax-xhieda tiegħu;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut Anthony Degiorgio fejn issottometta illi hu mhux responsabbli għall-inċident in kwistjoni u għalhekk m'għandux iħallas ebda danni. Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u l-lista tax-xhieda tiegħu;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut Anthony Degiorgio fejn issottometta illi hu mhux responsabbli għall-inċident in kwistjoni u għalhekk m'għandux iħallas ebda danni. Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u l-lista tax-xhieda tiegħu;

Rat id-digriet tagħha fejn inħatret bħala perit legali Dr. Tania Vella u li wara ġiet sostitwita bl-Avukat Dr. Joseph M. Ciappara bl-istess inkarigu;

Rat id-digriet tagħha fuq rikors ta' l-Avukat Dr. Joseph F. Cassar Galea bħala Direttur u in rappreżentanza tal-General Insurance Company Limited fejn l-istess Dr. Cassar Galea *nomine* ġie ammess fil-kawża *in statu et terminis*;

Eżaminat l-atti kollha tal-kawża u senjatament id-dokumenti esebiti, ir-relazzjoni peritali u n-nota ta' kritika tal-

partijiet;

Trattata l-kawża;

Ikkunsidrat li l-fatti tal-każ li taw lok għal din il-kawża seħħew fit-12 ta' Awissu, 1979 f'xi 5.00 p.m. meta l-konvenut rikeb u saq karozza Mercedes bin-numru 4730 mill-Belt Valletta fid-direzzjoni ta' l-Imsida. Rekbin miegħu kien hemm Alfred Shead (l-attur), Joseph Fenech u Dominic Azzopardi. Il-konvenut offra jew aċċetta li jagħtihom *lift* sal-Bowling Centre, l-Imsida. L-attur rikeb fuq is-*seat* ta' quddiem ħdejn ix-xufier Degiorgio. Sakemm il-Mercedes insaqet sal-bidu ta' l-Imsida, jiġifieri sa ftit wara t-Torpedo Depot, is-sewqan tal-konvenut deher normali u mingħajr inċidenti. Iżda meta l-karozza resqet lejn Pjazza Palma, qrib il-kurvatura li hemm quddiem il-każin tal-Malta Labour Party tal-lokal, il-Mercedes bdiet taċċellera - u dan b'mod allarmanti. Tant hu hekk li mix-xhieda rriżulta li l-karozza daret fuq żewġ roti biss, ħabtet l-ewwel ma' ċint baxx, imbagħad ma' arblu ta' l-elettriku, messet ma siġra tal-palm, daret dawra tond u spiċċat maħbuta ma karozza Capri numru A-1351 li kienet ipparkjata hemm. Jidher illi x-xufier tilef il-kontroll tas-sewqan tal-karozza meta ġie biex jikser mal-lemin tiegħu mar-*roundabout* li hemm f'din il-kurva. L-attur korra sew f'dan l-inċident, billi sofra diżabilità permanenti - ara rapport mediku sottomess minn Dottor Albert E. Bartolo (dok. B) - meqjusa li tilħaq figura għolja ta' ħamsin fil-mija (50%) in relazzjoni ma' l-*earning capacity* ta' l-attur, li kien jaħdem ta' xufier - u aċċettat mill-partijiet u anke mill-Qorti;

Il-pern tal-kontestazzjoni hija dwar ir-responsabbilità u sussidjarjament fil-*quantum* tad-danni likwidati. Dwar grad ta' diżabilità ma hemmx kontestazzjoni. L-attur sofra ksur u indebiliment gravi u serju fi driegħu tax-xellug ta' natura permanenti. Fid-data ta' l-inċident l-attur kellu tletin (30) sena;

Dwar responsabbilità l-attur issottometta r-*res ipsa loquitur*. U in verità irid jingħad li, in difett ta' raġuni plawsibbli u attendibbli, ma għandu jkun hemm ebda dubbju li d-dinamika ta' l-inċident tixhed sewqan eċċessiv u mhux biss negliġenti imma bla kont (*reckless*). Il-konvenut ma offra ebda spjegazzjoni biex jiġġustifika l-aġir tiegħu. Qal u eċċepixxa biss li ma baqa' jiftakar xejn. Għalkemm tali eċċezzjoni ma teżonera lill-konvenut bl-ebda mod minn dik li hija responsabbilità b'danakollu hija kompatibbli ma' stat imsejjaħ jew magħruf bħala *post concussion syndrome* fejn, bħala riżultat ta' ħabta u konkussjoni, wieħed ma jibqax jiftakar dak illi ġara immedjatament qabel l-inċident;

Min-naħa tiegħu iżda, l-intervenut fil-kawża ssottometta li l-konvenut ma kienx qed jitkessaħ għaliex kieku ma kienx iħalli sa l-Imsida u proprju f'kurva biex jagħmel dan. Imbagħad kompla hekk:

"Dan allura juri li Degiorgio istantanement beda jsofri minn xi disturb mentali appena wasal ħdejn ir-*roundabout*";

Jingħad mill-ewwel li fil-fehma tal-Qorti din it-teżi ma tinsab korroborata minn imkien u hija għalhekk asserzjoni gratuwita. Anzi meta wieħed jifli x-xhieda jsib proprju bil-maqlub. Ma jidhirx li l-konvenut kien afflitt minn xi marda mentali, jew li kien taħt l-influwenza ta' xi droga jew xorb. Il-fatt li wara l-inċident il-konvenut beda jagħti b'idu u/jew b'saqajh fuq il-karozza ma jurix ħlief li huwa ddispaċieh li minħabba s-sewqan perikoluż jew aħjar sperikolat tiegħu korrew sħabu u ġiet ikkaġunata ħafna ħsara. L-attur u l-passiġġieri l-oħra wissewh qabel l-inċidnet biex irażżan is-sewqan tiegħu iżda l-konvenut ma obdiex. Iżda b'daqshekk ma jistax jingħad li dak illi ġara kien purament barra mill-volontà tal-konvenut kif ippretenda l-intervenut fil-kawża;

L-attur iċċita l-każ: **Ludgate *vs* Lovett** (1969) 2 All E.R. 1275, iċċitat minn P.S. James fil-ktieb *General Principles of the Law of Torts* (4th Ed., 1978, p. 81-2) fejn intqal illi:

"*Where the defendant, driving a van at 60 m.p.h. on the M1 motorway at night, went into a violent right-hand swerve, overcompensated, slewed to the left, and overturned the van on the hard-core, it was held that res ipsa applied, and that since the defendant could not explain why the van swerved he had not displaced the inference of negligence*". Il-perit legali jiċċita lill-awtur Tenell (*Law of Running-Down Cases*, p. 3) fejn *inter alia* kiteb li:

"*In some cases arising out of road accidents it is unnecessary for the plaintiff to prove actual negligence on the part of the defendant, as the law will infer from the nature of the accident that the driver of the defendant's vehicle has been negligent*";

Il-każ in diżamina huwa proprju wieħed minnhom;

Dejjem dwar responsabbilità mbagħad, l-intervenut fil-kawża ssottometta li ġaladarba l-attur għażel li jirkeb mal-konvenut, li min-naħa tiegħu ma kellu ebda obbligu li jagħmel dan, u lanqas ma jidher li esprima x-xewqa biex jinżel mill-vettura, allura l-attur għandu jbati l-konsegwenzi ta' dan il-fatt minħabba fil-massima ta' *volenti non fit injuria*. Din il-massima tassew li hija norma aċċettata u applikabbli mill-Qorti tagħna, iżda mhux f'dan il-każ. Il-fatti kif fuq esposti ma jnaqqsu xejn mill-oneru tas-sewwieq li jsuq il-vettura b'mod mhux negliġenti. F'dan il-każ, *di più non si trattava* biss ta' negliġenza imma ta' sewqan perikolużu u bla kont. Fi kliem ieħor meta l-attur tela' fil-vettura misjuqa mill-konvenut, huwa għamel dan biex jiġi mwassal mill-Belt sal-Bowling Centre, l-

Imsida u mhux biex f'ċerta parti tal-perkors jiġi nvolut f'inċident ikkaġunat minħabba s-sewqan kolpuż u ħażin tal-konvenut. Anzi għandu jingħad illi kif huwa u l-oħrajn irravviżaw tali sewqan mill-ewwel ġibdu l-attenzjoni tal-konvenut biex jiddeżisti ħaġa li sfortunatament m'għamilx;

Kwindi jaħti unikament għall-inċident *de quo* kien il-konvenut u ħadd iżjed;

Niġu issa għal-likwidazzjoni tad-danni. Bħala *damnum emergens* l-attur talab biss sitt liri Maltin (Lm6) spejjeż ta' *taxis* - li huma mistħoqqa. Imbagħad però huwa talab bħala *lucrum cessans* in vista tad-diżabilità permanenti sofferti minnu li kienet ta' 50%. Ir-relatur mexa skond il-każ: **Bellizzi *proprio et nomine vs* Vella**, deċiż mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Ġunju, 1979. Id-diffikultà li din il-Qorti ssib biex tapplika dan il-każ huma tnejn u ċjoè:

Li l-attur ma kellux impjieg fil-fiss imma kien *impressed* bħala xufier u jitqabbad tramite l-Labour Office kull darba; u

mill-1979 'l hawn daħħlet *policy* biex kemm jista' jkun titrażżan l-inflazzjoni u bħala waħda mill-miżuri f'dan ir-rigward ġew imblokkati żidied fil-pagi minn sena għall-oħra. Min-naħa l-oħra però, l-attur għandu favurieħ ukoll illi:

Sena għandha tiġi kkalkolata a bażi ta' 52 ġimgħa u mhux 50 ġimgħa;

Illi r-*re-employment* tiegħu kien isir pjuttost regolarment;

Wara li qieset għalhekk bl-akbar reqqa s-sottomissjonijiet reċiproċi tal-kontendenti dwar id-danni, il-Qorti hija tal-fehma

li f'dan il-każ *multiplier* ġust ikun wieħed ta' tmienja u tletin lira fil-ġimgħa (Lm38) mifrux fuq perijodu ta' ħmistax-il sena, ikkalkolata skond il-prattika kostanti ta' ħamsin ġimgħa fis-sena *u b'deduzzjoni ta' għoxrin fil-mija (20%)* minħabba li se tingħata semma' f'daqqa *lump sum* u naturalment kwantu għal diżabilità ta' 50%;

Għalhekk il-*lucrum cessans* irid jinħadem hekk u f'dan issens qiegħda tiġi in parte varjata r-relazzjoni peritali f'dak li huwa l-*quantum* illikwidat u kkonfermata *in toto* dwar responsabbilità. Mela d-danni għandhom jitqiesu hekk:

50% ta' Lm38 x 50 ġimgħa x 15-il sena - Lm14,250

Minn liema ammont jitnaqqas *20% jiġifieri Lm2850 u* b'hekk:

Lm14,250 -

Lm2,850

iġib total ta' Lm11,400.00 bħala *lucrum cessans* u Lm6 *damnum emergens*, b'kollox Lm11,406 (ħdax-il elf, erba' mija u sitt liri Maltin);

Għaldaqstant il-Qorti, filwaqt li tirrespinġi l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u l-opposizzjoni ta' l-intervenut il-kawża tilqa' t-talbiet attriċi b'dan illi tiddikjara l-konvenut unikament responsabbli għall-inċident fuq sofra danni, kif fuq ingħad, b'konsegwenza tal-ħtija tal-konvenut fis-sewqan tiegħu u li għalhekk għandu jħallas *in linea* ta' danni kkaġunati l-ammont ta' ħdax-il elf, erba' mija u sitt liri Maltin (Lm11,406), oltre l-ispejjeż kollha ġudizzjarji tranne dawk ta' l-intervenut tal-

kawża li jibqgħu a karigu ta' l-istess intervenut u bl-imgħax legali mid-data ta' din id-deċiżjoni sal-ħlas effettiv.